MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 88/2009

**Artikolu 337C (1) (a) (d) (f) (g) (i) tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**MATTHEW BORG**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MATTHEW BORG** ta' 32 sena, bin Roger u Giovanna nee' Micallef, imwieled Pieta' fis-17 ta' Jannar, 1977 u residenti 'Mayflower Court', Apt 4, Triq San Alwigi, Msida, detentur tal-karta tal-identita' numru 146777(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli:

1. Bejn it-28 u 30 ta' Marzu, 2008, f'diversi hinijiet f'dawn il-Gzejjer Maltin, minghajr awtorizzazzjoni, uza *computer* jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* iehor jew uza, ikkopja jew immodifika kull *data*, *software*, jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk.

2. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni pprevjena jew ostakola d-dhul ghal xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appogg.

3. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta’ xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamel uzu minnhom.

4. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni, installa, nehha, biddel, ikkancella, qered, varja, jew zied ma’ xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta’ appogg.

5. Aktar talli minghajr awtorizzazzjoni uza l-Kodici ta’ dhul *password*, isem, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta’ dhul jew informazzjoni ta’ identifikazzjoni ta’ xi persuna ohra f’ *computer*.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom affidavit ta’ PS 1122 Arthur Rizzo mmarkat bhala Dok. ET1 a fol. 7 u 8, il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Frar, 2009 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens gie mmarkat bhala Dok. ET2 a fol. 9, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. ET3 a fol. 10 u l-fedina penali tal-imputat immarkata bhala Dok. ET4 a fol. 11 tal-Process.

Illi nhar il-25 ta’ Jannar, 2010 xehed **PS 1122 Arthur Rizzo** u spjega li fl-1 ta’ April tas-sena 2008, PS 1575 Robert Fava stazzjonat l-Ghassa tal-pulizija tal-Imsida kien nfurmah li dakinhar stess fil-hamsa u nofs ta’ wara nofsinhar Fleur Borg kienet marret taghmel rapport l-Ghassa. Ir-rapport kien jikkonsisti billi meta allegatament accessat il-

kompjuter taghha hija ccekjat l-*emails u* fid-*deleted items* taghha kien hemm xi *emails* li hi kienet ghadha ma rathomx. Meta hija mbaghad iccekjat biex tara x'kienu dawn l- *emails,* rrizultalha illi dawn l-*emails* kienu gew mibghuta mill-*email address* pcmatt@hotmail.com liema *email address* kien tar-ragel taghha Matthew Borg li f'dak il-perjodu kienet ghaddejja minn proceduri ghas-separazzjoni minn mieghu. Din allegat illi dan l-access kien sar minghajr ma kienet taf bih hi u ghalhekk il-kaz gie riferut ghas-Cyber Crime Unit tal-Pulizija. Huwa kien gie nfurmat b'dan ir-rapport peress li l-kwerelanta kienet toqghod Hal-Lija allura taqa' taht il-gurisdizzjoni fejn huwa stazzjonat.

Spjega li xi gimghat wara tkellem ma' PS 1146 Edward Zammit tas-Cyber Crime Unit li kien qed jassisti fl-investigazzjonijiet u nfurmah li l-*mail box* tal-kwerelanta li hija clairebonnici@hotmail.com kienet giet accessata fit-tlieta nieqes ghoxrin ta' wara nofsinhar tat-28 ta' Marzu, 2008 san-nofs siegha ta' filghodu tad-29 ta' Marzu, 2008. Kif ukoll kienet giet accessata fis-siegha u tlieta u tletin minuta ta' filghodu tad-29 ta' Marzu, 2008 sal-10.42 minuta ta' filghodu tat-30 ta' Marzu, 2008.

Fiz-zewg okkazzjonijiet din il-*mail box* imsemmija kienet giet accessata minn pcmatt@hotmail.com liema *connection* hija registrata fuq l-imputat Matthew Borg. Hu ghaldaqstant baghat ghal Matthew Borg li gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla u meta hu staqsih dwar dan il-kaz l-imputat cahad kull allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu.

Huwa allega illi Fleur Borg kellha access ghad-dar matrimonjali ghax kellha c-cavetta fejn kien qed jghix hu wahdu. Huwa zied jghid illi meta ma jkunx id-dar Claire Borg setghet marret fir-residenza u seghtet uzat il-*computer* tieghu. Huwa staqsa wkoll in kwantu ghall-hinijiet li kienu gew riferuti lilu ghall-hinijiet tal-access jekk kienx id-dar u huwa qallu li kien ghadda z-zmien u ma jiftakarx. L-imputat kien qallu illi ma kienx jaf hafna fuq il-*computers* li jkun jista' jaccessja minn *computer* ghal fuq *computer* iehor. Huwa mbaghad staqsih x'kienet il-professjoni tieghu u hu qallu li kien *Computer Technician*. Esebixxa l-okkorrenza liema okkorrenza dahhalha hu u hija minnu ffirmata u din giet esebita u mmarkata bhala Dok. RAP 1.

Illi nhar il-25 ta' Jannar, 2010 xehed **PS 1146 Edward Zammit** u spjega illi nhar l-1 ta' April, tas-sena 2008 huma tas-Cyber Crime Unit gew infurmati mill-Pulizija tad-Distrett ta' Birkirkara li certa Claire Borg detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 398676(M) kienet ghamlet rapport fl-Ghassa tal-Pulizija dwar *computer misuse*. Hija allegat li xi persuna mhux maghrufa setghet accessat fl-*email account* taghha li jismu clairebonnici@hotmail.com u minnu rrizulta li ntbaghtu xi *emails* fuq *computer* iehor b'*email address* pcmatt@hotmail.com.

Fil-5 ta' April, tas-sena 2008 huma tkelmu mal-kwerelanti Claire Borg u dina spjegat illi dawn l-*emails* kienet sabithom fid-*deleted items* taghha. Huma sadanittant kienu kkorrispondew ma' rapprezentant tal-Microsoft Corporation biex jghaddulhom

informazzjoni minn fejn kien gie accessat il-*hotmail account* ta’ Claire Borg. Kienu rcevew din l-informazzjoni u spjega illi mbaghad mill-*enquiries* li ghamlu rrizulta li dawn l-accessi kienu saru minn *internet connection* billi *network connection* jigi provdut minn Next Web Limited. Sussegwentement huma kkomunikaw man-Next Web.

L-informazzjoni li tawhom kienet illi dawk l-accessi in kwantu ghall-perjodu li kienet irrappurtat Claire Borg kienu saru minn *internet connection* fejn kien hemm *internet connection* registrata f’isem certu Matthew Borg fl-appartament ‘Mayflower Court’, Appartament Numru 4, St. Louis Street, Msida. In segwitu ghaddew dan ir-rapport tal-*enquiries* lill-ufficjal investigatur.

L-istess xhud in kontro ezami fl-istess seduta spjega illi f’dan il-kaz ma gewx analizzati *computers*. Spjega illi oltre l-informazzjoni li kellhom minghand il-*complainant* huma ukoll kellhom l-informazzjoni mis-*service provider*. Xtaq jghid illi fir-rapport li kellhom il-Pulizija jirrizulta li kien hemm access illegali ghall-*email address* ta’ Claire Borg. Mistoqsi jekk kellux kopja ta’ dawn l-emails jghid li qieghed taht impressjoni illi fil-fatt *Claire Borg lilhom kienet ghadditilhom kopja ta’ dawn l-*emails pero’ kellu jaghmel il-verifiki necessarji biex jara jekk fil-fatt ghandux kopja fil-*file* ta’ dawn id-dokumentazzjoni li ghadditilhom Claire Borg.

Skond ir-rapport tal-Pulizija Claire Borg qalet li minn kien accessa l-*email address* taghha ghamlu minghajr il-permess taghha. Spjega illi huma mill-investigazzjonijiet li ghamlu ma rrizultalhomx mil-liema *computer* sar l-access ghall-*email address* tal-imsemmija Claire Borg u lanqas il-persuna li ghamlet tali access ma rrizultalhom.

Illi nhar l-14 ta' Gunju, 2010 xehdet **Claire Borg** u kkonfermat illi l-imputat hu zewgha. Spjegat li fil-prezent ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha l-imputat u spjegat li hija tixtieq tixhed f'dawn il-proceduri stante illi hija kienet vittma rigwardanti dan il-kaz. Spjegat illi fil-31 ta' Marzu, tas-sena 2008 hija dahlet biex ticcekja l-*hotmail address* taghha u dana fir-residenza li qieghda tirrisjedi bhalissa li mhix id-dar matrimonjali. Hija kienet qieghda tara l-*emails* u hin minnhom hadet zball rigwardanti *email* minnhom u bi zball wadbitu gewwa d-*deleted items*. X'hin hija pruvat tirkupra dana l-*email* partikolari hija rat xi 10 *emails* li kienu mibghuta mill-*email* taghha ghal dan is-segwenti ndirizz pcmatt@hotmail.com. Dawn l-*emails* kienu ntbaghtu fit-28 ta' Marzu, tas-sena 2008. Spjegat illi hi hadet qatgha ghaliex hija kienet taf li hi ma baghatitx dawn l-*emails* u wkoll ghaliex dan l-email address li ghadha kif semmiet taf li hu tar-ragel taghha. Meta hija ccekjat x'tip ta' *emails* intbaghtu lir-ragel taghha sabet li kien hemm korrispondenza li hi kienet baghtet lill-avukat taghha li kellha dak iz-zmien dwar il-proceduri ta' separazzjoni li kienu ghaddejjin. U partikolarment *draft* ta' allegat affidavit ta' separazzjoni li kienet qieghda tipprepara hi. Dak iz-zmien hija kienet qieghda tahdem ma' agenzija *part time* u fost dawn l-*emails* li hi

skopriet innutat illi kien hemm *emails* li kienu jirrigwardaw ix-xoghol taghha.

Xtaqet tghid illi in kwantu ghal dan il-*part time* ta' xoghol li kellha dak iz-zmien hija kienet qieghda tahdem minghajr il-ktieb tax-xoghol u spjegat illi tlett ijiem wara li ndunat b'dawn l-*emails* kienu marru zewgt irgiel tal-ETC fl-ufficcju taghha fejn kienet qed tahdem u marru jfittxuha u sabu lill-imghallem taghha. Tghid li dawn kienu qalu lill-imghallem taghha biex hija tapplika ghalkemm kienet ezentata mit-taxxa. F'dan ir-rigward esebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. CBM 1. Esebiet kopja tal-*emails* mertu tal-kawza u dawn gew immarkati bhala Dok. CBM 2. Spjegat li xi sentejn qabel id-data li ghadha kif semmiet u cioe' tat-28 ta' Marzu, 2008 hija kienet telqet mid-dar matrimonjali wara li kien hemm argument id-dar. Hija kienet spiccat gewwa *shelter* tal-Appogg. Kien hemm wahda li kienet ukoll residenti f'din ix-*shelter home* u kellha bzonn tuza *email* u hija kienet ppruvat tghinha billi tatghha l-uzu ta' l-*email address* taghha. Meta ppruvaw jutilizzaw il-*password* taghha hija ma ndunatx li xi hadd kien bidlilha l-*password*. Spjegat illi gimgha wara zewgha kien ta l-*password* il-gdida li kien biddel hu stess. Huwa kien taha l-*password* il-gdida.

Sussegwentement hija reghet bidlet il-*password* imma ma kinitx tathielu. Xtaqet tesebixxi wkoll erba' ritratti li gibdithom hi li juru *cameras* illi hemm gewwa r-residenza matrimonjali u dana biex turi li

hi kif tidhol f'din ir-residenza matrimonjali tkun qieghda sorveljata. Xtaqet tghid illi r-ritratti li qed tesebixxi huwa seba' ritratti u dawn qed jigu mmarkati minn Dok. SCB 1 sa Dok. SCB 7. Dawn ir-ritratti qed tesebihom ukoll biex turi l-mod kif zewgha jikkontrollaha.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro ezami giet mistoqsija mill-avukat difensur jekk hija bhala stat ta' fatt tafx illi l-*cameras* zewgha kien ghamilhom ghaliex kien qed isib affarijiet imkissrin god-dar u dwar dan tghid li ma taf xejn dwar din l-allegazzjoni. Xtaqet tghid ukoll fuq domanda li saritilha li hija lanqas taf illi zewgha kien qed isib affarijiet imkissrin id-dar. Spjegat illi f'okkazzjoni minnhom kienet hadet ritratt u spjegat waqt li kienet fid-dar matrimonjali u r-ragel taghha kien qalilha li hija kienet dehret sabiha fuq dan ir-ritratt (ovvjament ghax kien qed jaraha bil-camera). Xtaqet tghid ukoll li f'okkazzjoni ohra l-imputat kien esebixxa l-Qorti f'proceduri ohra *stills* mill-*camera* meta hija kienet marret id-dar matrimonjali biex tigbor xi affarjiet li kienu taghha. Fil-fatt ikkonfemat li kienet taf bil-cameras meta dahlet fid-dar matrimonjali u rat il-*cameras* hemmhekk. Spjegat illi l-*cameras* gewwa d-dar matrimonjali m'humiex mohbijin. L-ewwel darba li telqet mid-dar matrimonjali kien fis-16 ta' Lulju, tas-sena 2006. Qabel ma hija telqet mid-dar l-ewwel darba r-ragel kien installa *camera* fid-dar matrimonjali pero' imbaghad kien nehhiha. U dana kien qalilha li kien ghamel din il-*camera* specifikament biex membri tal-familja taghha ma jigux gewwa d-dar matrimonjali meta ma jkunx hemm hu.

Fuq domanda li saritilha mid-difiza jekk kemm-il darba zewgha kienx qalilha li din il-*camera* kien ghamilha biex hija jew membri tal-familja taghha ma jkisrux l-affarijiet tieghu gewwa d-dar matrimonjali qalet illi dan id-diskors lilha l-imputat zewgha ma kienx qalulha. Qalet illi hija ghamlet diversi rapporti rigwardanti zewgha lill-pulizija. Fuq domanda li saritilha mid-difiza jekk kemm-il darba fuq hames rapporti li ghamlet lill-Pulizija zewgha kien tressaq il-Qorti u dejjem hareg liberat spjegat illi kienet taf biss dwar zewg kazijiet fejn zewgha kien hareg liberat.

Rigwardanti l-ewwel *camera* li kien hemm qabel ma hija telqet mid-dar matrimonjali din il-*camera* mbaghad kienet giet mibdula pero' sar minnha din l-ewwel *camera* ma tafx. Spjegat li hi kienet indunat illi zewgha kien biddel din l-ewwel *camera* ghax dina kienet wahda differenti. Dana ghax din il-*camera* bhala *shape* kienet differenti mill-ewwel wahda. Xtaqet tghid dina l-*camera* li mbaghad pogga zewgha kien poggiha fl-istess *area* fejn kien hemm l-ewwel *camera*.

Gie suggerit lilha mid-difiza li mhux minnu kien hemm *camera* differenti u li qieghda tivvinta u hija nsistiet li l-camera kienet differenti minn dik originali. Xtaqet tghid illi zewgha b'dawna t-tip ta' *cameras* kien jiddeletta.

Illi nhar it-13 ta' Ottubru, 2010 xehed l-**Ispettur Elton Taliana** u spjega li fl-1 ta' April, 2008, Claire Borg kienet marret taghmel

rapport l-Ghassa tal-Imsida. Kienu ghall-habta ta' xi l-5.30pm fejn hija rrappurtat illi waqt li marret ticcekja l-*emails* taghha sabet fid-*deleted items* taghha xi *emails* li dina fil-fatt qatt ma kienet fethet u qatt ma kienet rat. Fil-fatt minn dak il-hin hija bdiet tissusspetta li xi hadd beda jidhlilha fl-*account* taghha u fil-fatt beda jaralha l-*emails* taghha. Jghid li dan il-kaz gie riferut lis-Surgent PS 1122 mill-Ghassa ta' Birkirkara fejn imbaghad gie rriferut ghas-Cyber Crime Unit li ghandhom fi hdan il-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt mis-Cyber Crime Unit beda jahdem fuqu PS 1146 Edward Zammit fejn irrizulta waqt l-investigazzjoni tieghu illi xi hadd li kien dahal fl-*account* minn tal-inqas tliet (3) darbiet. Ikkonferma li s-Surgent kellem lill-imputat Matthew Borg u fil-fatt kien qallu li Claire ghandha cavetta ta' l-istess appartament. Fil-fatt jghid li ghall-ewwel kien ressqu l-Qorti mad-distrett u in segwitu l-kaz tieghu nqaleb ghal kumpilazzjoni.

Fil-fatt hu sussegwentement kien ha stqarrija lil Matthew Borg fil-15 ta' Frar 2009 u l-imputat ikkonferma li l-kompjuter kien juzah huwa. Spjega li ma jistax isir hacking f'email address li jkun *hotmail* sakemm ma tkunx taf il-*password* taghha u hu l-*password* ma jafux ghalkemm iddikjara li bhala xoghol anka hu jahdem fl-IT. Jghid li l-imputat deher imharreg sewwa fil-kamp tal-kompjuters tant li beda jitkellem b'certu teknikalita' u jispjegalu u jaghtih ragunijiet kif ma jistax isir *hacking* fuq dan it-tip ta' *email address*.

Fil-fatt meta mbaghad ikkonfrontah fuq il-verzjoni li kien tah is-Surgent PS 1122 dan kien qallu li l-kwerealnti setghet marret b'xi *wireless* minn vicin l-appartament tieghu u dahlet hi stess minn hemmhekk fuq l-*email* taghha. Fil-fatt jghid ukoll li l-imputat kien qallu li martu kellha cavetta tal-fond tieghu kif ukoll tal-bieb ta' barra tal-blokk ta' appartament u pero' zied jghid li meta kien kellem lilha din qaltlu illi kienet ilha ma tersaq l'hemm. Huwa pprezenta l-istqarrija li giet imarkata bhala Dok. TEP 1. F'din l-istqarrija gharaf il-firma tieghu, il-firma ta' Matthew Borg u l-firma ta' PC 493 il-kuntistabbli Farrugia.

In kontro ezami fuq mistoqsija tal-avukat jekk irrizultalux li l-emails intbaghtu minn fuq il-kompjuter tal-imputat jew l-IP address tieghu jghid li rrizultalu li ntbaghtu mill-IP address tieghu registrat l-Imsida. Fuq mistoqsija jekk Matthew innegax li kienx hu li kien ghamel dan il-*hacking*, huwa rrisponda iva, l-imputat nnega li kien ghamel dan il-*hacking*.

Illi dan il-kaz flimkien ma' numru iehor ta' kazijiet gew mghoddija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef datata 21 ta' April 2014 u kien ghalhekk li din il-kawza spiccat appuntata quddiem din il-Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Illi nhar id-29 ta' Mejju 2014 dehru l-partijiet li ezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga' tisma' mill-gdid il-provi gja mismugha. Illi f'dik l-istess

seduta l-imputat ghazel li jaghti id-deposizzjoni tieghu u ghalkemm ma kienx hemm prezenti l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Elton Taliana, l-Ispettur Daryl Borg li kien qed jidher ghall-prosekuzzjoni ma oggezzjonax u ghalhekk l-imputat minn jeddu ta d-deposizzjoni tieghu.

Illi nhar id-29 ta' Mejju, 2014 xehed l-**imputat Matthew Borg minn jeddu u b'mod volontarju** u spjega li huwa zzewweg lil Claire f'Lulju, tas-sena elfejn u erbgha (2004). Sussegwentement fit-tmienja (8) ta' Marzu, 2007 il-mara tieghu kienet telqet mid-dar u spicca anke ottjena l-annullament taz-zwieg tieghu minn maghha mill-Qrati Civili ta' Malta.

Xtaq jghid illi f'dawk iz-zminijiet meta giet prezentata l-kwerela hu u l-mara tieghu ma kienux jitkellmu hlief fuq affarijiet li jikkoncernaw it-tifel komuni taghhom. Gie mistoqsi jekk huwa effettivament qattx ipprezenta rapporti kontra l-mara tieghu, jghid li ghalkemm kien hemm ragunijiet ghalfejn kellu, huwa naqas milli jaghmel hekk ghax ma xtaqx itawwal l-affarijiet ta' bejniethom, pero' xtaq jghid minn naha l-ohra hija kienet ipprezentat diversi rapporti fil-konfront tieghu.

Xtaq jghid illi f'Ottubru, 2008 huwa kien baghat ghalih PC 1122 mill-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar fejn kien infurmah illi kellu rapport fis-sens li kien sar access ghall-*site* clairebonnici@hotmail.com liema

access allegatament kien sar mill-*account* tieghu gewwa l-Imsida. Jinghad ukoll li l-pulizija kien qallu li tali access kien sar fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Marzu, 2008.

Spjega li dak il-hin ma kienx jaf ezattament x’kien qed jghidlu l-Ispettur pero’ in segwitu rrealizza illi dak iz-zmien kien ircieva *draft* affidavit minn taghha fuq l-*email* tieghu. Huwa fil-fatt spjega li ma jafx ghalfejn kienet bghatitulu tant li ma tax kazu u maz-zmien hassru.

Sussegwentement fi Frar, 2009 kien baghat ghalih l-Ispettur Elton Taliana u talbu biex jaghmel stqarrija. Beda jistaqsih x’kien l-istat tieghu fir-rigward tal-mara, jekk huwa effettivament ghamilx xi access ghall-*hotmail account* taghha u huwa spjega li effettivament martu ghandha access ghall-post fejn kien installat l-kompjuter tieghu. Ikkonferma li l-*provider* tieghu kien accessibbli ghaliha. Spjega ghaliex dak iz-zmien hija kellha c-cwievet u access ghall-post. Jghid li kellha wkoll access ghall-*computer* tieghu. Il-*computer* tieghu huwa bla *password* u spjega wkoll illi huwa kellu *wireless router* li kien *open* u spjega li ghalhekk hi setghet jew dahlet fir-residenza u uzat il-*computer* tieghu jew tramite l-*laptop* taghha via *wireless* sahansitra anke minn barra r-residenza tieghu ghax iwassal. Il-*wireless router* lanqas ma kien *password protected*. Ikkonferma li huwa jahdem fl-IT.

L-allegazzjoni kienet li huwa dahal fl-*email hotmail account* taghha u baghat xi messaggi li kellha lilu billi ghamilhom *direct forwarding* ghall-*account* tieghu. Dana huwa fil-fatt jichdu u jghid b'mod kategoriku li mhux minnu li ghamel hekk. Kieku ghamel hekk setgha facilment ihassar it-*trail* taghha. Mistoqsi jekk huwa setghax inehhi l-kuntatt jghid iva l-ghaliex apparti li jnehhi d-*delete* mis-*sent items* taghha dan imur go *folder* ohra bhala *deleted items* u naturalment jikkancellah minn hemm ukoll u b'hekk ma jkun hemm ebda tracca fuq il-*computer* innifsu.

Spjega illi effettivament hija kellha bzonn li dawn l-*items* jibqghu fid-*deleted folder* taghha ghaliex kieku ma kienx ikollha prova tal-allegazzjoni li saret fil-konfront tieghu. Huwa jaf li fi Frar, 2009 huwa rrilaxxja stqarrija u kkonferma l-kontenut taghha. Ikkonferma li Dr. Herrera fuq domanda tal-Qorti qatt ma kien l-avukat tieghu. Ir-relazzjoni tieghu mal-mara llum il-gurnata hija limitata wkoll fuq kwistjonijiet li jikkoncenaw it-tifel taghhom minuri. Ir-rapporti llum il-gurnata pero' naqsu.

Illi nhar is-7 ta' Ottubru 2014 dehru l-partijiet quddiem il-Qorti u trattaw il-kaz u talbu li l-kaz jibqa' ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

Illi huwa l-obbligu tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat. Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Interessanti li ssir referenza f'dan l-istadju ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-1 ta' Novembru 2010 fl-ismijiet **Mario Camilleri u Pierre Camilleri vs L-Avukat Generali** dwar il-prova li ghandu jkun hemm ghal sejba ta' htija f'proceduri kriminali. In fatti f'din is-sentenza nsibu referenza ghal proviso tas-**sub artikolu (5) ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u kif din giet trasposta b'dikjarazzjoni ghall-interpretazzjoni ghall-**artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja** fejn inghad li:-

(i) *it is for the prosecution to prove the guilt of the accused beyond reasonable doubt;*

(ii) *if the accused is called upon, either by law or by the need to rebut the evidence adduced against him by the prosecution, to prove or disprove certain facts, he need only prove or disprove that fact or those facts on a balance of probabilities;*

(iii) *if the accused proves on a balance of probabilities a fact that he has been called upon to prove, and if that fact is decisive as to the question of guilt, then he is entitled to be acquitted;*

(iv) *to determine whether the prosecution has proved a fact beyond reasonable doubt or whether the accused has proved a fact on a balance of probabilities, account must be taken of all the evidence and of all the circumstances of the case;*

(v) *before the accused can be found guilty, whoever has to judge must be satisfied beyond reasonable doubt, after weighing all the evidence, of the existence of both the material and the formal element of the offence...* ".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Andrew Ellul Sullivan et vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**, deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Lulju 2004 inghad:

*"…Illi kif imfisser f'sentenzi ewlenin moghtija mill-Qorti Ewropeja, il-prezunzjoni tal-innocenza tfisser li l-piz tal-prova jaqa' generalment fuq il-prosekuzzjoni. Huwa veru illi dan il-kaz hu principalment ibbazat fuq provi cirkostanzjali u biex dawn ikunu effettivi b'valur probatorju li wiehed jista' jorbot fuqhom, il-Qorti trid tkun sodisfatta illi dawn il-provi jippuntaw ghall-konkluzjoni wahda u wahda biss*".

F'dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minnn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **'Teper vs The Queen'** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Michael Ellul Vincenti** deciza fit-tlieta (3) ta' Ottubru 2013 li kien jittratta kwazi l-istess mertu odjern u cioe' *computer misuse*, l-argumenti tal-ewwel Qorti kienu bbazati fuq provi cirkostanzjali fejn ippretendiet ukoll ic-certezza pero' f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Appell kienet ippronunzjat ruhha bis-segwenti:-

*"Jinghad mill-bidunett li mkien fil-ligi ma tobbliga lill-Qorti illi hija tkun certa minghajr ombra ta'dubju dwar htija o meno tal-akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-ren divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghall-fini tal-gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza".*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza moghtija ricentement fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Cyrus Engerer</u>** deciza mill-Qorti ta l-Appelli Kriminali nhar it-8 ta' Mejju 2014 ghalkemm il-fatti kienu daqsxejn differenti fejn inghatat direzzjoni dwar it-tifsira ta' x'ghandu jikkostitwixxi '*circumstantital evidence'*. Fil-fatt irriteniet illi:-

*"ikun ahjar jekk fl-ewwel u qabel kollox tajjeb li ssir analizi ta' xi gurisprudenza f'pajjizna kif ukoll għal xi guristi Inglizi li dahhlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci".*

*"Fil-kaz fl-ismijiet r-**<u>Repubblika ta'Malta v George Spiteri</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta'Lulju tas-sena elfejn u tnejn il-Qorti sostniet is-segwenti:*

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

*"Fil-kaz fl-ismijiet* ***Pulizija v Paul Grech*** *deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta'April tas-sena elfejn u wieħed intqal illi:-*

*"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat".*

*"Anki fil-kaz* ***Pulizija v James Abela*** *deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn gie ddikjarat illi:-*

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali l-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture".*

*Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi,bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin”*.

F’din il-kawza kuntrarjament ghal dak li sehh fil-kawza appena citata ta’ **Pulizija Vs Cyrus Engerer** l-imputat irrilaxja stqarrija a tempo vergine ta’ l-investigazzjoni u rega’ xehed il-Qorti nhar id-29 ta’ Mejju 2014.

Ghalhekk kif jiddisponi l-**artikolu 658 tal-kapitolu 9** tali xhieda ghandha tinghata l-importanza u valur taghha. Dan l-artikolu jiddisponi s-segwenti:-

*"kull haga li l-imputat jew akkuzat jistqarr sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm tista' tittiehed bhala prova kontra minn ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu*

*volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza' jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Din tidher li hija l-istess posizzjoni ***fl-Ingilterra*** kif jirrizulta mis-sentenza ***Ibrahim vs The King***[1] mghotija minn **Lord Sumner *f'1914:***

*"No statement by an accused is admissible in evidence against him unless it is shown by the prosecution to have been a voluntary statement, in the sense that it has not been obtained from him either by fear or prejudice or hope of advantage exercised or held out by a person in authority or by aggression."*

Issa f'dan il-kaz ma jidhirx li l-partijiet qed jikkontestaw l-validita' ta' dan l-istatement rilaxxjat nhar il-15 ta' Frar 2009 (Dok TEP 1 a fol. 64) tant li l-imputat stess waqt li kien fil-pedana tax-xhieda kkonferma l-kontenut taghha u ghalhekk din il-Qorti sejra tanalizza l-istess anke fid-dawl ta' dak li xehed l-imputat hames snin wara. F'dan l-istatment l-imputat kien gie mistoqsi x'xoghol jaghmel u wiegeb li kien jahdem fl-IT. Ikkonferma li huwa jghix l-Imsida pero' martu ghandha access ghad-dar peress li fejn jghix huwa d-dar matrimonjali. Ikkonferma li martu kienet telqet mid-dar fit-8 ta' Marzu 2007 u ghalhekk bejn it-28 u 30 ta' Marzu 2008 huwa kien gja bil-problemi ma' martu tant li kien hemm diversi kawzi l-Qorti kif del resto kkonfermaw il-partijiet. Mistoqsi jekk hux minnu li huwa dahal fil-kompjuter tieghu u accessa

[1] Vide pg. 210 tal-ktieb Criminal Evidences Third Edition Richard May para. 10.01

l-hotmail address ta martu clairebonnici@hotmail.com minn fuq il-hotmail tieghu jghid le u jispjega li ma jistax isir *hacking* fuq account hotmail jekk ma tkunx taf il-password u l-password ta' martu ma jafux. Fil-fatt anke l-kwerelanta stess tghid li kienet bidlet il-password taghha u li ma kienitx tatha lil zewgha. Stqarr li dina kienet *set up* ta' martu, *frame up* sabiex terga' itellghu l-Qorti kif kienet gja ghamlet quddiem il-Magistrat Audrey Demicoli. Mistoqsi jekk mhux minnu li jghix wahdu jghid li jghix wahdu pero' martu kellha access liberu pero' mistoqsi jekk kienx minnu li kien hu li dahal fil-hotmail account taghha mir-residenza tieghu, jghid li mhux minnu. Spjega li facilment setghet kienet martu stess li dahlet peress li huwa ghandu sistema wireless u l-*coverage* tieghu jwassal ghas-sular ta' tahtu u ghas-sular ta' fuqu u anke jista jigi accessat minn barra d-dar tieghu tramite l-uzu ta' computer jew *laptop* iehor u ghalhekk facilment seta' kien il-kaz. Jghid ukoll li fit-28 ta' Marzu 2008 kien xoghol ghalkemm ma jifakarx il-hin.

Mistoqsi jekk kienx ircieva xi emails mill-email account ta' martu iwiegeb fl-affermattiv u jghid li ma jafx ghaliex kienet baghtitlu dawn l-emails. Fil-fatt jghid li jiftakar li kien ircieva xi affidavit li kienet hejjet ghal kawza ta' separazzjoni li kellhom pendenti bejniethom. Mistoqsi jekk jistax jaghmel dan l-allegat access ghal hotmail taghha peress li ghandu s-sengha tal-IT jghid li le ma jistax. Jghid li martu Claire ghandha access ghal fejn joqghod u dejjem tmur bil-mohbi tieghu u kien ghalhekk li nstalla s-CCTV cameras. Infatti jghid li dawn gew installati f'April 2008 u cioe' wara l-allegat kaz in desamina. Spjega

minn dak li rrizultalu li l-access nhar it-28 ta' April kien fit-tlieta neqsin ghoxrin (2.40pm) jew fit-tlieta neqsin kwart (2.45pm) ta' wara nofsinhar u hija tispicca xoghol fis-saghtejn u kwart (2.15 p.m.) ta' wara nofsinhar.

Meta l-imptuat rega' xehed il-Qorti kkonferma piu o meno dak li qal fl-istatement tieghu salv li zied jghid li kieku ried jidhol u jaghmel dak li gie allegat lilu una volta kien jaf il-password taghha li ma kienx jaf seta' jahbi wkoll it-*trails* tiehu billi mid-*deleted items* kien jitfa' l-*emails* fir-*recycle bin* u jerga' jiddilitjahom sabiex ma jkun hemm xejn jidher fil-*history* tal-komputer. Jerga' jispjega li huwa ghandu sistema ta' wireless li hija miftuha u li ghalhekk kulhadd li jkun fil-vicinanzi tal-proprjeta' tieghu ghandu access liberu ghall-IP address tieghu u jista jaghmel uzu minnha facilment.

Interessanti jinghad li meta l-pulizija giet mistoqsija jekk effettivament irrizultalhiex li dawn l-emails gew mibghuta mill-kompjuter tal-imputat wiegeb fin-negattiv tant li tghid li l-ebda kompjuter ma gie ezaminat u ghalhekk il-hard disc tal-kompjuter li seta' jaghti aktar dawl u certezza ghal dan il-kaz ma giex ezamiant. Jirrizulta biss li ntuzat l-IP address tal-imputat pero' kif spjega l-imputat stess dan seta' jintuza facilment minn diversi nies fl-ekwati nkluz il-kweralanta stess. L-ahjar prova li setghet tressaq il-Prosekuzzjoni u cioe l-kompjuter ta l-imputat ma ghamlitux.

Illi fid-awl tas-suespost u cioe’ x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista’ jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti, u cioe’ li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti sfortunatament mhix f’posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process tul medda ta’ zmien u ghalhekk mhix f’posizzjoni, wara li ezaminat ix-xhieda kollha li xehdu viva voce quddiem din il-Qorti diversament preseduta, li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma xehdux quddiemha pero’ cio nonsotante tista’ tikkonstata x'interess seta’ kellu xi xhud f’data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le una volta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Pero’ m’hemmx dubju li rrizulta lil din il-Qorti li bejn l-imputat u l-kwerelanti hemm amozita kbira tant li bejniethom kien hemm diversi rapporti.

Illi fl-ewwel lok il-pulizija li xehed u cioe’ PS 1146 Edward Zammit li jahdem proprju fis-Cyber Crime Unit tal-pulizija xehed u qal li mill-

investigazzjonijiet li ghamlu ma rrizultalhomx mil-liema *computer* sar l-access ghall-*email address* tal-imsemmija Claire Borg u lanqas il-persuna li ghamlet tali access ma rrizultalhom. Illi l-Qorti thoss li dan huwa nuqqas kbir u dan ghaliex il-pulizija messha elevat il-kompjuter tal-imputat u ezaminatu sabiex tara jekk kien hemm xi tracca ta' moviment fir-rigward talemails fuq imsemmija u dan in vista li '*every mark leaves a trace'*. Zgur li kieku dan il-kompjuter gie ezaminat kien ikun hemm xi tracca ta' moviment ta' dak li sehh fil-jiem meta l-kwerelanti allegat li sar abbuz minn naha tal-imputat. Molto piu meta tqis li l-Prosekuzzjoni kienet taf li l-imputat kellu sistema *wireless* u li kienet accessibbli minn barra daru u ghalhekk l-IP address tieghu kien accessibbli bl-uzu ta' komputer minn kwalsiasi terz injot. Il-fatt li l-imputat kellu din is-sistema ma gietx kontestata jew pruvata b'mod kuntrarju u ghalhekk il-Qorti ghandha taghtiha l-piz taghha.

In oltre jirrizulta li l-kwerelant kellha access ghad-dar tal-imputat jew ahjar ghad-dar matrimonjali fejn kien jghix l-imputat fiz-zmien meta sehhew dawn l-allegati reati tant li hija stess fix-xhieda taghha tghid li l-imputat kien installa CCTV cameras sabiex jissorveljaha u li kien sahansitra anke biddel is-sistema li kellu u dan ghalhekk ifisser li bil-fors kellha access ghal god-dar. Hija tghid li kienet ilha ma tidhol fid-dar matrimonjali pero' prova dwar dan l-imputat ma setghax ikollu u dan ghaliex il-cameras gew installati wara l-allegat incident.

Il-Prosekuzzjoni kienet ben mgharrfa tac-cahda tal-imputat dwar ir-reati in kwistjoni u ta' dak li kien qed jghid li din kienet kwistjoni ta' *frame up* minn martu li ghal darb'ohra resqitu l-Qorti u ghalhekk meta qal li martu tispicca fix-xoghol fis-saghtejn u kwart (2.15pm) ta' wara nofsinhar u li l-allegat tbaghbis sar ftit wara u cioe' bejn it-tlieta neqsin ghoxrin (2.40pm) u t-tlieta neqsin kwart (2.45pm) ta' wara nofsinhar tal-jum tat-28 ta' Marzu 2008 setghet resqet prova dwar fejn kienet l-imputata.

Fix-xhieda taghha l-kwerelanti wkoll donnha timplika li l-imputat kien involut f'din il-kwistjoni fejn l-ufficcjali tal-ETC li marru jaghmlu spezzjoni fuq ix-xoghol taghha fejn kienet tahdem bla ktieb u dan tlett ijiem wara li skopriet dawn l-emails u tghid li dawn l-ufficcjali kienu qalulha sabiex tirregistra maghhom ghalkemm kienet ezentata mit-taxxa u esebiet dokument li huwa markat 25 ta' April 2008 sabiex tindika li kienet irregistrat ruhha mal-ETC. Pero' prova dwar meta saru dawn l-ispezzjonijiet sabiex isahhah it-tezi taghha li zewgha sar jaf bix-xoghol taghha *part time* mill-emails u li kien agixxa bir-rapport tieghu mal-ETC mhux resqitx il-Prosekuzzjoni. La esebiet ir-rapport li kienu rcevew l-ETC u l-Prosekuzzjoni lanqas resqet lill-ufficcjali li marru jaghmlu l-ispezzjoni sabiex jghidu meta rcevew ir-rapport u f'xhiex kien jikkonsisti r-rapport. Haga tal-iskantament ukoll il-kwerela taghha tramite l-avukat taghha Dr Joanne Vella Cushieri hija datata 9 ta' Mejju 2008 u ghalhekk wara li allegatament kienet saret din l-ispezzjoni u ghalhekk wara li kienet ilha taf b'din il-kwistjoni ta' l-

emails sa mill-inqas hames gimghat qabel u ghalhekk wara li kienet irregistrat l-impieg taghha mal-ETC.

In oltre l-kwerelanti tghid li meta kienet qed tghix fix-shelter zewgha kien allegatament dahal fis-sistema tal-kompjuter taghha darb'ohra ghaliex kien jaf il-password taghha pero' tghid li kienet bidlet il-password u din id-darba ma taghtux il-password u ghalhekk il-Qorti ghandha l-ammissjoni tal-kweralanti stess li tghid li l-imputat ma kellux il-password taghha apparti l-kelma tal-imputat stess. Il-Prosekuzzjoni fl-ebda stadju ma pprovat kif jista' jsir hackjing f'*hotmail account* minghajr l-uzu ta' password. Kuntrarjament ghal dak li sehh fil-kawzi fuq citati **Pul vs Michael Ellul Vincenti** u **Pul vs Cyrus Engerer** li kellhom access ghall-*passwords* tal-vittmi taghhom.

Jidher li l-allegat *hacking* sehh fit-28 ta' Marzu 2008 u fid-29 ta' Marzu 2008 u l-kwerelanti ndunat b'dan biss jumejn wara fil-31 ta' Marzu 2008 u marret tirraporta l-kaz lill-pulizija fl-1 ta' April 2008 u ghalhekk f'dak l-istadju l-ahjar prova kienet tkun li l-imputat jigi nvestigat u mitlub jirrilaxxja stqarrija u b'hekk kien ikun f'posizzjoni ahjar li jaghti alibi liema alibi kienet tkun tista' tigi konfermata.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li din kienet tkun prova cirkostanzjali sabiex tikkolobora l-versjoni tal-fatti kif moghtija minnu.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li mhu xejn serju li rapport dwar allegat *hacking* li issir fl-1 ta' April 2008 fejn hemm indikat suspettat (u cioe' l-imputat ) u dan is-suspettat jigi nvestigat fil-15 ta' Frar 2009 kwazi sena wara meta facilment setghu jigu mohbija diversi provi cirkostanzjali kemm favur kif ukoll kontra l-imputat stess.

In vista ta' dawn il-provi u /jew nuqqas taghhom din il-Qorti ma tistax tasal b'mod konvincenti li l-provi li tresqu kienu univoci li jwaslu lil gudikant minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li effettivament kien l-imputat li effettivament hackja l-kompjuter tal-kwerelanta.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikolu 337C (1) (a) (d) (f) (g) (i) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi li ma issibx ill-imputat MATTHEW BORG hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------